# Il-Kwadru ta' Pinu fis-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt

*minn P. Martin D Schembri O. Carm*





Sitt ijiem qabel ma ġie l-Papa f'Malta ġejna avviċinati mir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu il-Kan. G. Buhagiar fejn qalilna li l-Isqof ta' Għawdex xtaq li l-kwadru ta' Pinu jinġieb għall-qima tal-poplu fis-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt. Din id-deċiżjoni ħadha għax jaf kemm dan is-Santwarju tal-Karmnu hu ċentru Marjan qawwi. Il-Kwadru wasal il-Ħadd 18 ta' April fit-3.15 p.m. u dam sal-Ħamis 21 ta' April. Matul dawk il-ġranet tqassmu mal-4000 Kurunella li kienu jikkonsistu fit-Talba ta' Pinu u dik tal-Karmnu. Funzjonijiet li saru, katina il-ħin kollu tar-Rużarju li kienu jmexxu l-patrijiet tal-Karmnu tal-Belt anke wara nofs inhar, ir-Rużarju qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija kien meditat u bil-Litanija Kantata. Il-Quddiesa ta' filgħaxija kienet kantata kuljum bil-ħsieb (Omelija) minn P. Martin D. Schembri. Wara il-Quddiesa l-patrijiet kienu joqgħodu man-nies biex jieħdu minn għand in-nies l-oġġetti li riedu jintmissu mal-Kwadru ta' Għwdex Mons Mario Grech. Prim Konċelebrant kien il-Provinċjal P. Michael Farrugia il-Patrijiet tal-Komunita, Kan John Ciarlo' u 3 patrijiet Franġiskani Konventwali (ġew mistiedna l-Komunitajiet kollha tal-Belt iżda dawn biss ġew). Ċeremonier għamel P. Victor Paul Farrugia Ciarlo. Is-Santwarju bħal kuljum kien miftuħ mis-6.00 a.m. sas-7.30 p.m., id-differenza kienet li wara nofs inhar kien hemm bosta qrar ta' ħafna snin ilu. Il-Ħamis filgħodu sar il-Pellegrinaġġ fis-9.00 a.m.

Għal dan il-Pellegrinaġġ ġiet imħeġġa l-Provinċja biex tattendi b'ċirkulari mill-Provinċjal, barra l-Provinċjal attendew il-Pirjol tal-Balluta P. Anthony Cilia, il-Komunita tal-Imdina il-Pirjol P. Alexander Vella u P. Victor Paul Farrugia Ciarlo u P. Damjan Cachia u P. Karm Ferrante, il-Komunita tal-Belt u Patri Dumnikan. Ir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu flimkien ma' żewġ klassijiet minn Saint Albert the Great College. Il-Pellegrinaġġ kien verament suċċess bħal dawn l-erbat' ijiem.

Xogħol ieħor li għamilna kien li bagħatna invit lill-Parroċċi kollha biex min irid jorganiżża pellegrinaġġ u biex javżaw il-Ħadd ta' meta kien hawn il-Papa. Ħriġna Santa għall-okkażżjoni stampanja 4000 li kollha telqu, u qassamna b'xejn mal-1000 Labtu. Għas-sigurta ħallasna Pulizija għal kull lejl.



Matul dawn l-erbat-ijiem skantajna kemm Kleru djoċesan u ħafna reliġjużi ta' Ordnijiet ġew iżuru l-Kwadru ta' Pinu fis-Santwarju tagħna.



**Kumment Spiritwali**

Fis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt ikun hemm Qrar mis-6.45 a.m. sal 11.30 a.m. u mill-4.00 p.m. sas-7.15 p.m. Wara nofs inhar ikun miftuħ għat-Turisti. Fil-ġranet taż-żjara tal-Kwadru Inkurunat tal-Madonna ta' Pinu kienu ħafna li approfittaw ruħhom, u għal-grazzja t'Alla kien hawn Qrar ta' bosta snin lura.

Il-Pjaga ta' Malta u Għawdex illum huwa t-tfarrik tas-Sagrament taż-żwieġ. Nista' ngħid li tlett kwarti tat-talb kienu fuq din il-pjaga.

It-tfal kellhom privileġġ għax ħallejnihom jitilgħu ibusu lil Madonna ta' Pinu u kont ngħidilhom jitolbu, ċertu talb naħseb kienu iġagħlu jibki anke l-blar, dawn huma it-talbiet li smajt b'widnejja jien.

I Tħallux id-daddy isawwat lil Mummy
II Erġa ġib lil Papa d-dar
III Keċċi mid-dar dan ir-raġel li għandha l-Mummy
IV Neħħi d-dagħa mid-Daddy u l-Mummy
V Għid lil ġenituri tiegħi iħalluni mmur quddies u jiġu huma.
VI Tħalux lid-Daddy jiġi fis-sakra għax nibża' ħafna.
VII Tħallux lil ħija l-kbir jurina films koroħ.
VIII Għid lin-nanna ma tiġix id-dar u toqgħod tgħid kontra d-Daddy u z-zija.

Ftit tfal talbu għas-saħħa tal-ġisem imma meta smajt dan it-talb komplejt inħoss kemm inżilna fil-ħama tad-dnub u donnu d-dnub sar 'stil ta' ħajja'.

Nitlob lil min se jaqra dan biex nisimgħu mill-Madonna u nersqu iżjed lejn il-Quddies u r-Rużarju u talb ieħor li għandna fil-Knisja Kattolika. Nissuġġerixxi li nilbsu lil Marija bil-Labtu tal-Karmnu li hi tatulna bħala rigal f'imitazzjoni lejHa u protezzjoni.









*Tifkira li ħarġet għall-okkażżjoni, meta kien hawn l-inkwadru ta' Pinu fis-Santwarju tal-Karmnu.*



*L-istatwa ta' San Ġorġ Preca jagħti l-Labtu tal-Karmnu lit-tfal.*
*Din iżżanżnet fil-festa tas-sena l-oħra, Għad jonqos inħallsu l-pedestall għaliha.*
*Min irid jagħti xi offerta jista' jagħtiha lill-Pirjol P. Martin Schembri*